

Brussell, 15 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12822/25
ADD 1

IXIM 194
JAI 1245
ENFOPOL 323
CRIMORG 167
JAIEX 99
AVIATION 119
DATAPROTECT 216
COREE 1

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 15 ta' Settembru 2025

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: COM(2025) 490 annex

Suġġett: ANNESS
ta'
Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-
Repubblika tal-Korea dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet
tal-Passiġġieri mill-Unjoni Ewropea lir-Repubblika tal-Korea għall-
prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati
terroristiċi u delitti serji

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 490 annex.

Mehmuż: COM(2025) 490 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.9.2025
COM(2025) 490 final

ANNEX

ANNEX

ta'

Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri mill-Unjoni Ewropea lir-Repubblika tal-Korea għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji

ANNEX

Direttivi għan-negozjati ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji

Jenħtieġ li n-negozjati jkollhom l-għan li jiksbu **l-oġġettivi ġenerali** li ġejjin:

- (1) Il-Ftehim jirrifletti l-ħtieġa u l-importanza tal-ipproċessar tad-data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu billi jippermetti t-trasferiment legali tad-data tal-PNR mill-Unjoni lir-Repubblika tal-Korea.
- (2) Sabiex jikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti tal-liġi tal-UE, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Ftehim jipprovdi bażi legali, kundizzjonijiet u salvagwardji għat-trasferiment lejn ir-Repubblika tal-Korea u l-ipproċessar minnha tad-data tal-PNR, u jiżgura li jiġi pprovdut livell adegwat ta' protezzjoni tad-data personali.
- (3) Il-Ftehim jinkoraġġixxi u jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni u r-Repubblika tal-Korea billi jistabilixxi arranġamenti għal skambji f'waqthom, effettivi u effiċjenti tad-data tal-PNR u tar-riżultati tal-ipproċessar tad-data tal-PNR.

Jenħtieġ li n-negozjati jkollhom l-għan li jiksbu dan li ġej dwar **is-sustanza**:

- (4) Il-Ftehim jidentifika l-awtorità kompetenti Koreana maħtura responsabbli biex skont il-Ftehim tirċievi u tkompli ttipproċessa d-data tal-PNR mingħand it-trasportaturi bl-ajru.
- (5) Il-Ftehim jispeċifika b'mod eżawrjenti u ċar l-elementi tad-data tal-PNR li għandhom jiġu ttrasferiti, f'konformità mal-istandards internazzjonali. It-trasferimenti tad-data jinżammu għall-minimu meħtieġ u huma proporzjonati għall-iskop speċifikat fil-Ftehim.
- (6) Il-Ftehim jiżgura li d-data tal-PNR tiġi ttrasferita esklużivament lill-awtorità kompetenti Koreana billi d-data tal-PNR meħtieġa tintbagħat direttament fis-sistema tal-awtorità riċeventi ("metodu push"). Il-frekwenza u t-twaqqit ta' tali trasferimenti ma johlqux piż mhux raġonevoli fuq it-trasportaturi bl-ajru u huma limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ.
- (7) Il-Ftehim jiżgura li t-trasportaturi bl-ajru ma jkun meħtieġa jiġbru u jittrasferixxu l-ebda data tal-PNR addizzjonali meta mqabbla ma' dik li diġà jiġbru bħala parti min-negozju tagħhom.
- (8) Il-Ftehim jinkludi l-obbligu li tiġi żgurata s-sigurtà tad-data personali permezz ta' miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa, inkluż billi persuni awtorizzati biss jitħallew ikollhom aċċess għal data personali u jinżammu rekords fil-forma ta' reġistri ta' aċċess. Għandu jinkludi wkoll l-obbligu li l-awtoritajiet kompetenti u, fejn meħtieġ u possibbli, is-suġġetti tad-data jiġu nnotifikati fil-każ ta' ksur tad-data personali li jaffettwa data trasferita skont il-Ftehim.
- (9) Il-Ftehim jistabilixxi l-iskopijiet tal-ipproċessar tad-data tal-PNR b'mod eżawrjenti, b'mod partikolari billi jistabilixxi li d-data tal-PNR tiġi ttrasferita u pproċessata biss għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji, abbażi tad-definizzjonijiet stabbiliti fl-istrumenti rilevanti tad-dritt tal-UE.

- (10) Il-Ftehim jipprevedi li data sensittiva skont it-tifsira tad-dritt tal-Unjoni, li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjoni politiki, it-twelmin reliġjuż jew filosofiku, jew is-sħubija fi trade union, u l-ipproċessar ta' data ġenetika, data bijometrika għall-fini ta' identifikazzjoni unika ta' persuna fiżika, data dwar is-saħħa jew data dwar il-ħajja sesswali jew l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna fiżika, ma għandhiex tiġi pproċessata skont il-Ftehim.
- (11) Il-Ftehim jinkludi salvagwardji għall-ipproċessar awtomatizzat tad-data tal-PNR biex jiġi żgurat li jkun ibbażat fuq kriterji stabbiliti minn qabel li huma nondiskriminatorji, speċifiċi, oġġettivi u affidabbli u li tali pproċessar awtomatizzat ma jintużax bħala bażi unika għal kwalunkwe deċiżjoni b'effetti legali negattivi jew li taffettwa serjament individwu. Huwa jiżgura wkoll li l-bażijiet tad-data li jitqabblu mad-data tal-PNR ikunu biss dawk rilevanti għall-finijiet koperti mill-Ftehim.
- (12) Il-Ftehim jipprevedi li d-data tal-PNR riċevuta skont il-Ftehim tkun soġġetta għal perjodi ta' żamma li huma ristretti u mhux itwal minn dak li huwa meħtieġ u proporzjonat għall-oġġettiv segwit, jiġifieri, għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji. Dawn il-perjodi ta' żamma jiżguraw li, f'konformità mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, id-data tal-PNR tista' tinżamm skont il-Ftehim biss jekk tiġi stabbilita konnessjoni oġġettiva bejn id-data tal-PNR li għandha tinżamm u l-oġġettiv mixtieq. Il-Ftehim jirrikjedi li d-data tal-PNR titħassar hekk kif jiskadi l-perjodu taż-żamma rilevanti jew issir anonima b'tali mod li l-individwi kkonċernati ma jibqgħux identifikabbli.
- (13) Il-Ftehim jiżgura li d-divulgazzjoni tad-data tal-PNR mill-awtorità kompetenti Koreana maħtura lil awtoritajiet kompetenti oħra tar-Repubblika tal-Korea jew lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati oħra, jista' jsir biss fuq bażi ta' każ b'każ u taħt ċerti kundizzjonijiet u salvagwardji. B'mod partikolari, tali divulgazzjonijiet jistgħu jsiru biss jekk l-awtorità riċeventi teżerċita funzjonijiet relatati mal-ġlieda kontra reati terroristiċi u kriminalità serja u tiżgura l-istess protezzjonijiet bħal dawk stabbiliti fil-Ftehim u jenħtieġ li tkun soġġetta għal rieżami minn qabel minn qorti jew minn korp amministrattiv indipendenti, ħlief f'każijiet ta' urġenza stabbilita b'mod validu. It-trasferimenti ulterjuri lil awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi oħra huma limitati għal dawk il-pajjiżi li l-UE għandha Ftehim ekwivalenti magħhom dwar il-PNR jew li l-Unjoni adottat deċiżjoni ta' adegwatezza għalihom skont il-liġi tagħha dwar il-protezzjoni tad-data li tkopri l-awtoritajiet rilevanti li huwa maħsub li d-data tal-PNR tiġi ttrasferita lilhom.
- (14) Il-Ftehim jiżgura sistema ta' sorveljanza minn awtorità pubblika indipendenti responsabbli għall-protezzjoni tad-data personali b'setgħat effettivi ta' investigazzjoni, ta' intervent u ta' infurzar sabiex tiġi eżerċitata sorveljanza fuq l-awtoritajiet kompetenti maħtura u awtoritajiet kompetenti oħra li jipproċessaw id-data tal-PNR skont il-Ftehim. Dik l-awtorità pubblika indipendenti għandha setgħat sabiex tisma' lmenti minn individwi, b'mod partikolari dwar l-ipproċessar tad-data tal-PNR li tikkonċernahom.
- (15) Il-Ftehim jiżgura d-drittijiet ta' rimedju amministrattiv u ġudizzjarju effettiv fuq bażi mhux diskriminatorja, irrispettivament min-nazzjonalità jew mill-post ta' residenza għal kwalunkwe persuna li fir-rigward tagħha tiġi pproċessata d-data tal-PNR skont il-Ftehim, f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.
- (16) Il-Ftehim fih dispożizzjonijiet biex jiġu żgurati drittijiet infurzabbli għall-individwi li jkollhom id-data personali tagħhom ipproċessata, fil-forma ta' regoli dwar id-dritt

għall-informazzjoni, l-aċċess, ir-rettifika u t-tħassir, inklużi r-raġunijiet speċifiċi li jistgħu jippermettu kwalunkwe restrizzjoni meħtieġa u proporzjonata għal dawk id-drittijiet.

- (17) Il-Ftehim irawwem il-kooperazzjoni mill-pulizija u dik għudizzjarja permezz tal-iskambju tad-data tal-PNR, jew tar-riżultati tal-ipproċessar tad-data tal-PNR, bejn l-awtorità kompetenti Koreana maħtura u l-awtoritajiet tal-pulizija u għudizzjarji kompetenti tal-Istati Membri tal-Unjoni, kif ukoll bejn l-awtorità kompetenti Koreana maħtura, minn naħa waħda, u l-Europol fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, min-naħa l-oħra.
- (18) Il-Ftehim għandu jipprevedi mekkaniżmu effettiv għas-soluzzjoni ta' tilwim rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tiegħu biex jiżgura li l-partijiet josservaw ir-regoli miftiehma reċiprokament.
- (19) Il-Ftehim għandu jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni perijodika tal-Ftehim.
- (20) Il-Ftehim għandu jinkludi dispożizzjoni dwar id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni u dispożizzjoni li biha Parti tista' ttemmha jew tissospendiha, b'mod partikolari jekk il-pajjiż terz ma jibqax jiżgura b'mod effettiv il-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali meħtieġa skont dan il-Ftehim.
- (21) Il-Ftehim huwa awtentiku b'mod ugwali bl-ilsien Bulgaru, Kroat, Ċek, Daniż, Olandiż, Ingliż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ungeriż, Irlandiż, Taljan, Latvjan, Litwan, Malti, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol u Żvediż u se jinkludi klawsoġa lingwistika f'dan is-sens.